MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 847/2004

**Double R Meats Co. Limited.**

**-vs-**

**Ta' Xbiex Lapins Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Novembru 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamest elef hames mija tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm5,562.50c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham mibjugh u konsenjat lill-istess socjeta' konvenuta.

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-hlas hija baqghet inadempjenti.

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, in vista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-Av. Paul Farrugia, debitament awtorizzat jirraprezenta lis-socjeta' attrici, hawn annessa u mmarkata dokument "X", u dispensat is-smiegh tal-kawza u termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef hames mija tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm5,562.50c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham mibjugh u konsenjat lill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat (2021/04) kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-28 ta' April 2003, li hija d-data tal-ahhar konsenja.

Id-diretturi tas-socjeta' konvenuta huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tidher ghas-seduta ta' llum biex tghid jekk ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------